



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2012/0138(NLE)

22.11.2012

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukraina li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi
(12282/2012 – C7-0200/2012 – 2012/0138(NLE))

Rapporteur għal opinjoni: Paweł Robert Kowal

PA_Leg_Consent

ĠUSTIFIKAZZJONI FIL-QOSOR

Il-ftehim emendat dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukraina jintroduċi titjib evidenti fil-ħruġ ta' viżi għaċ-ċittadini Ukraini meta mqabbel mal-ftehim attwalment fis-seħħ. Huwa jissimplifika r-rekwiżiti għad-dokumenti li jridu jiġu ppreżentati minn ċerti applikanti ta' viżi u jespandi l-kategorija ta' persuni li jistgħu jibbenefikaw minn viża ta' dħul ta' sena jew ħames snin.

Il-kategoriji l-ġodda koperti mill-ftehim emendat jinkludu rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jivvjaġġaw b'mod regolari lejn Stati Membri għal skopijiet ta' taħriġ edukattiv jew konferenzi, parteċipanti fi programmi ta' kooperazzjoni transkonfinali ffinanzjati mill-UE, studenti u studenti fil-livell postuniversitarju, rappreżentanti ta' komunitajiet reliġjużi, persuni li jipparteċipaw għal raġunijiet professjonali f'konferenzi jew seminars organizzati fit-territorju tal-UE; kif ukoll, persuni li għandhom bżonn jidħlu b'mod regolari fl-UE minħabba raġunijiet mediċi u l-persuni li jakkompanjawhom.

Dan għalhekk jikkostitwixxi pass importanti lejn l-istabbiliment ta' reġim ta' vjaġġar mingħajr obbligu ta' viża bejn l-Ukraina u l-Unjoni Ewropea, kif mixtieq mill-Parlament Ewropew. Huwa wkoll sinjal ċar fil-konfront taċ-ċittadini Ukraini tal-impenn qawwi tal-UE lejn it-tiġih tas-sħubija tagħha mas-soċjetà Ukraina u sabiex jiġu żviluppat u ffaċilitati aktar il-kuntatti bejn il-popli, f'konformità mal-Politika Ewropea tal-Viċinat imġedda.

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranini jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni, bħala l-kumitat responsabbli, biex jipproponi li l-Parlament jagħti l-approvazzjoni tiegħu.